## XJENZA........

*Hargu mid-dlam l-egħġubijiet kotrana*
*B'għodod ix-Xjenza; u safa'. ċ-ċkejken kbir,*
*Il-b'għod ġie ħdejna b'lentijiet setgħana,*
*Il-ħajja, fuq liżar, mill-ġdid issir.*

*Mhux kull ma miet imut: il-kliem u l-għana*
*Jiġġeddu f'disk, b'leħenhom, mat-tidwir;*
*Mewġ l-ajru jwassal f'berqa l-ilħna tagħna,*
*Bħall-art u l-baħar l-ajru safa' lsir.*

*Imbierek għerf il-bniedem li sar jara*
*L-iġsma minn ġewwa, u sab fejqan mardiethom*
*B'għodod tal-għaġeb u duwiet saħħara.*

*'Ma qalbi tgħid — li kienet ħolma din! —*
*"Ix-Xjenza tgħaqqad l-artijiet bejniethom*
*Biex targa' mbagħad tifridhom minn xulxin!"*

DUN FRANS CAMILLERI.

## IX-XEMX TA' MEJJU

*Hija din bewstek, xemx ta' Mejju rżina,*
*Li qiegħda xxaħxaħ iż-żiffa tar-rebbiegħa?*
*Għax hawn, waqt li dwari l-vjoletti ċkejkna*
*Qegħdin ifewħu l-arja,*
*Inħoss bħal nifs għajjien, għajjien jissajja,*
*Mgħobbi, għaddej b'erwieħ blanzuni ġodda,*
*Biex itihom il-ħajja.*
*Int tħares kollok ħniena; ħalib sidrek*
*Jiftaħ il-qronfla; u ġmielek*
*Urajh isaħħar għajnejn il-ward tax-xemx.*
*Nara fuq kollox in-Natura għaddejja.*
*B'rabta ta' mħabba torbot il-ħolqien;*
*Imbagħad inkiss, inkiss,*

*Tmiss 'il għajnejja u taħbihom f'ħolma.*
*Tisqi lil sidri b'għaslitha bnin u ħlejju.*
*U, taħt il-bewsa ta' Mejju,*
*Twilled, żagħżugħa, fija,*
*Il-Poeżija.*

24.5.52. G. B. CASSAR.